Il-Kappillan ta' Stella Maris (1)

# Dun Franġisk Vinċenz Manchè - L-ewwel Kappillan

**Costantine Busuttil**

Minn din is-sena sejrin nibdew sensiela ta' artikli fuq il-ħajja w l-ħidma tal-kappillani li mexxew il-parroċċa ta' Stella Maris. Xieraq u doveruż li nibdew bl-ewwel kappillan ta' Stella Maris u dak iż-żmien ta' tas-Sliema kollha, DUN FRANĠISK VINĊENZ MANCHÈ

Qabel ma nibdew fuq il-kappillan Manchè, tajjeb jekk nagħtu titwila lejn dak li ġara meta l-knisja tagħna saret parroċċa fil-Milied 1878, bid-digriet ta' l-Isqof Scicluna. Għall-ewwel ħames snin il-parroċċa l-ġdida ma kelliex kappillan fit-tmexxija tagħha. Temporarjament kien ġie maħtur Vigarju Kurat Dun Karm Casha Gerada. Dan il-qassis kien maħbub u magħruf sewwa fost is-slimiżi għalkemm huwa rsista biex iġib 'il quddiem il-knisja ta' Stella Maris.



Għaldaqstant kienu bosta dawk li stennew li huwa kien resaq għall-konkors li kien sar apposta f'Settembru 1883. Fost is-sorpriża ta' kulħadd f'dan il-konkors kien ġie l-ewwel, Dun Franġisk Vinċenz Manchè li kien kappillan ta' Ħad-Dingli sa mill-1882.

l-ewwel Kappillan tas-Slimiżi twieled ġewwa l-Mellieħa fil-5 t'April 1852. Huwa kien iben Ġużeppi u Marija nee Ciappara. Fl-età ta' 31 sena huwa ħa l-pussess bħala l-ewwel kappillan ta' Stella Maris nhar it-tnejn 21 ta' Jannar 1884.

## L-Ewwel Snin

Jidher biċ-ċar l-entużjażmu w il-ħeġġa li kellu Dun Manchè għax fl-ewwel snin tiegħu bħala kappillan kien sar ammont kbir ta' xogħol. Bosta mill-opri li hemm ġewwa l-knisja tagħna huma marbutin ma' l-isem tal-kappillan Manchè. Fost l-ewwel xogħolijiet li ħa ħsieb biex isiru, kienet il-qampiena ta' 9 qnatar xogħol Ġilju Cauchi u kienet qamet £90. Dan kien fis-sena 1885.

Fost l-isbaħ xogħolijiet li saru taħt it-tmexxija tiegħu w li għadna ngawdu sa llum hija l-pittura ta' l-arzella tal-kor, xogħol il-magħruf Ġużeppi Cali, li ġiet mikxufa nhar 19 t'Awissu 1887, fl-okkazjoni tal-festa titulari.

Is-Slimiżi kienu wrew ix-xewqa tagħhom sabiex fil-festa titulari toħroġ il-purċissjoni. Il-Kappillan kien ta' l-istess opinjoni għalhekk huwa ħabrek mhux ftit ma' l-awtoritajiet kompetenti. It-talba tiegħu ġiet milqugħa fl-1886 mill-Isqof Buhagiar u dik l-istess sena kienet ħarġet għall-ewwel darba l-purċissjoni fil-festa ta' Stella Maris.

## Il-Vara Titulari ta' Stella Maris

Fil-purċissjoni kien beda jinħass il-bżonn ta' statwa, jidher li kienu saru bosta tentativi, fosthom ta' Vinċenzo Cremona u Karlu Darmanin iżda l-ebda statwa jew buzzett ma kien intgħoġob.

Nhar is-16 t'Awissu 1891 kienet fost l-aktar ġranet memorabbli fil-ħidma tiegħu fil-parroċċa tagħna, meta fost il-briju tal-poplu Slimiż waslet ġewwa tas-Sliema minn Pariġi,

l-istatwa titulari ta' Stella Maris. Din l-istatwa tassew artistika tant kienet intgħoġbot, li s-Slimiżi ta' dak iż-żmien kienu sejħulha "L-Għaxqa ta' Tas-Sliema" kif għadha magħrufa sa llum.

Dik l-istess sena l-knisja ta' Stella Maris ġiet mogħtija kwadru antik, minn Sir Ferdinand Inglott. Dan il-kwadru aktarx xogħol Taljan tas-seklu 16, kien inxtara minn Sir F Inglott mingħand il-patrijiet Dumnikani tal-Belt. Il-Kappillan poġġa dan il-kwadru flok dak titulari, xogħol Rafel Caruana, li sar fl-1852.

Fost xogħolijiet oħra li saru taħt dan il-kappillan insibu; d-damask, l-altar tal-kor, l-appostli ta' fuq l-altar maġġur, u l-istatwa tal-Madonna tar-Ruzarju biex insemmu ftit mix-xogħol sekondarju li sar.

**Il-Kappillan u l-Banda Stella Maris**

Forsi l-aktar proġett ambizjuż ta' dan il-kappillan sar realtà fis-sena 1909 meta wara tlett snin xogħol tlestiet il-faċċatta il-ġdida tal-knisja tagħna. Proġett daqshekk kbir kien jinvolvi spiża konsiderevoli, għal dan il-għan il-kappillan waqqaf kumitat sabiex jiġbor il-finanzi neċċessarji. Ix-xogħol tal-bini tal-faċċatta kien taħt it-treġija ta' Mastru Toni Scicluna li minbarra li bidel il-faċċatta l-antika, bena wkoll żewġ kampnari.

Dun Manchè mhux biss ħa ħsieb issebbaħ il-knisja u jaqdi d-dmirijiet spiritwali, iżda kien jieħu interess fil-ħajja soċjali tal-parruċċani tiegħu. Huwa kien fost l-ewwel nies f'Malta li għamel tentattiv sabiex jinġiebu f'pajjiżna s-Salesjani. It-talba tiegħu ma kienitx milqugħa minħabba li ma kienx hemm biżżejjed qassisin salesjani biex jiġu f'Malta.

Fl-1914, il-kappillan Manchè flimkien ma Mro F Camilleri kien il-fundatur tas-Soċjetà Filarmonika Stella Maris, li hija l-eqdem għaqda mużikali slimiża li għadha teżisti. L-istess isem ta' din il-banda kien xewqa tal-kappillan u dan juri l-imħabba li kellu lejn il-Madonna Kewkba tal-Baħar. Huwa kien baqa juri interess f'din il-banda li tagħha kien l-ewwel President Onorarju, sa l-aħħar żmien ta' ħajtu.

**It-Tmiem**

Wara ħidma pastorali ta' 34 sena fost is-Slimiżi, Dun Manchè miet nhar 2 ta' Marzu 1918, mgħobbi iżjed bil-piż tal-mard milli bis-snin. Kif kien xieraq l-ewwel kappillan ta' tas-Sliema kien ġie midfun fil-knisja li tant kien ħadem għaliha. Huwa jinsab midfun taħt il-presbiterju.

Referenzi:

**Tas-Sliema** il-knisja u l-parroċċa ta' Stella Maris - M Busietta
**Il-Ġens** 20-8-93 p.16
Programm tal-Knisja - Festa 1986
Il-Kewkba - Festa 1989 p.24
L-Għaqda - Festa 1991 p.7

**APPELL: INĦOSSU LI JKUN TASSEW XIERAQ LI F'TAS-SLIEMA TISSEMMA TRIQ GĦALL-EWWEL KAPPILLAN TAGĦHA. GĦALDAQSTANT NAGĦMLU APPELL LILL-KUNSILL LOKALI TAGĦNA SABIEX IKUN HAWN TRIQ IMSEMMIJA GĦAL DUN FRANĠISK VINĊENZ MANCHÈ.**